**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 18 ta' Lulju 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ITALO MIZZI)**

**VS**

**RODERICK BONNICI**

(KARTA TAL-IDENTITÁ NRU. 0080887M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Roderick Bonnici** ta' 38 sena, iben Raymond u Josephine xebba Azzopardi, imwieled ġewwa tal-Pietà nhar it-23 ta' Jannar 1987 u residenti ġewwa 212, Sun Flower, Fl 2, Triq San Edwardu, Qormi u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0080887M u akkużat talli nhar is-7 ta' April 2025 għall-ħabta tat-20:15hrs ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. ħassart jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioé għamel ħsara lill-vettura BGV-647 tal-għamla Toyota (Pixis) għad-dannu ta Beatrice

Galea u/jew persuni oħra liema ammont ta' ħsara jiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied, bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr Y. Micallef Stafrace, datata s-17 ta' Settembru 2021, liema sentenza saret definittiva, b'hekk ġibt ruħek recidiv.Art.49,50, Kap.9

4. Bl-imġiba tiegħek, ikkaġunajt lil Joseph Manuel Galea u/jew Beatrice Galea biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu. Art.251B(1)(2) Kap.9

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta l-esperti, jekk ikun il-każ, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta ħtija l-akkużat iħallas għad-danni ikkaġunati minnu għat-termini tal-artiklu 532A tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Joseph Manuel Galea u Beatrice Galea skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' April 2025 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma semgħet il-Qorti, dakinhar tas-07 ta' April 2025 għall-ħabta tat-8:15pm l-akkużat waqaf bil-vettura tiegħu ħdejn il-vettura tal-parte civile Joseph Manuel Galea, ossija vann tat-tip Toyota Pixis li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni BGV-647, niżel mill-vettura tiegħu, qabad briksa u waddaba fuq il-windscreen tal-istess vettura biex kisser l-istess windscreen. Dan l-inċident ġie reġistrat mis-sistema CCTV li kien hemm fil-viċinanzi u li għalhekk qabdet l-inċident kollu. Illi l-*parte ċivile* għamel rapport mal-pulizija eżekuttiva.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi flimkien mal-ammissjoni, madanakollu, l-akkużat obbliga ruħu quddiem il-Qorti li jagħmel tajjeb għall-ħsara minnu kkawżata u għalhekk talab lill-Qorti sabiex ma tagħtix is-sentenza tagħha qabel ma huwa jkun issalda l-ħsara minnu kkaġunata.

Illi filfatt, fis-seduta tad-09 ta' Mejju 2025 l-akkużat kien informa l-Qorti illi ordna l-windscreen tal-vettura iżda kien għadu ma ġiex sa dakinhar u ppreżenta wkoll kopja ta' *invoice* li turi dan kollu. Illi min-naħa tiegħu, il-parte ċivile ressaq *surveyor* indipendenti li ta stima tal-ħsarat fl-ammont ta' €2,553. Illi għalkemm jidher li l-vann kellu ħsara mhux biss fil-windscreen iżda wkoll fil-fanal ta' quddiem, l-istess *surveyor* ma setax jikkonferma li ż-żewġ tipi ta' ħsarat seħħew bl-istess inċident jew b'inċidenti separati.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2025 il-parte ċivile xehed li sewwa l-windscreen minn jeddu u li b'kollox l-ispiża ġiet ta' €1,325.97, flimkien ma VAT u Dazju li b'kollox jammontaw għal €1,633.97. Hu ppreżenta wkoll quotation għall-fanal għall-ammont ta' €563.06. F'dik is-seduta xehdet ukoll Naomi Montebello li kkonfermat li l-akkużat ħallas id-deposit u hi ordnat il-windscreen ukoll, liema ordni saret fil-5 ta' Mejju 2025. Qalet li l-windscreen aktarx kien se jieħu madwar xagħrejn biex jasal f'Malta. Ikkonfermat li l-prezz tal-windscreen u delivery huwa ta' €300. Hija kkonfermat ukoll li l-akkużat ħallas id-*deposit* fuqu u li l-*windscreen* ġie ordnat.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat ammetta mal-ewwel l-involviment tiegħu f'dan il-każ u obbliga ruħu li jsewwi l-ħsara li huwa stess ikkaġuna. Filfatt, jirriżulta lill-Qorti li tlett ġimgħat wara li l-akkużat ammetta quddiemha, huwa ordna *windscreen* ġdid u ħallas id-depożitu fuqu. Jirriżulta però li f'Malta ma kienx hawn *windscreen* tal-mudell tal-vann tal-parte ċivile li għalhekk dan kollu jinġieb miċ-Ċina. Filfatt, waqt is-seduta tad-09 ta' Mejju 2025, l-istess akkużat iddikjara fil-preżenza tal-parte ċivile li l-windscreen kien ordnat, billi sar deposit fuqu, u li kien għad fadallu madwar xahrejn biex jasal Malta.

Illi jirriżulta wkoll lill-Qorti, madanakollu, illi l-parte ċivile, fl-20 ta' Mejju 2025, ordna windscreen ieħor minn jeddu. Illi skont il-proforma invoice ppreżentata minnu bħala dok "JMG1", jirriżulta li minkejja li l-*windscreen* kien jiswa US $303, l-ispejjeż ta' ppakkettjar, *air courier* u tal-bank ammontaw għal total ta' US $1,165. Jirriżulta li fil-21 ta' Mejju 2025, il-parte ċivile ħallas is-somma totali ta' €1,325.97 għall-akkwist ta' dan il-*windscreen*. Huwa jikkonferma fix-xhieda tiegħu li wettaq it-tiswija fuq il-windscreen. Qal li l-fanal għadu ma sewwieħx.

Illi fix-xhieda tad-09 ta' Ġunju 2025, il-parte ċivile qal li l-windscreen dam erbat' ijiem biex jasal. Qal li l-akkużat l-ewwel wegħed lill-Qorti li fi żmien ġimgħa kien se jsewwi l-windscreen, imbagħad fit-tieni seduta qal li kellu bżonn xahrejn. Qal ukoll li ċempel lil Naomi Montebello u qaltlu li d-dokument minnha rilaxxat (ppreżentat bħala dok "ASH1") lanqas hija quotation tal-vann it-tajjeb. Fix-xhieda tagħha tad-9 ta Ġunju

2025, però, Naomi Montebello ikkonfermat li l-*quotation* hija tajba għall-vann tal-parte ċivile u li l-windscreen kien diġà ordnat.

Illi għalhekk jirriżulta li llum-il ġurnata il-parte ċivile għandu żewġ windscreens, ossija dak ordnat mill-akkużat u dak li ordna hu stess. Illi għalhekk il-Qorti trid issa tiddeċiedi kemm u liema ammont għandha tordna lill-akkużat jirriżarċixxi lill-parte ċivile. Illi d-deċiżjoni tal-parte ċivile li jħallas is-somma ta' US $1,165 inkwantu għal spejjeż ta' *delivery* ħadha hu minn jeddu mingħajr ebda konsultazzjoni mal-akkużat jew mar-rappreżentant legali tiegħu. In effetti, din id-deċiżjoni ġiet a konjizzjoni tal-Qorti u tal-akkużat wara permezz ta' rikors datat it-23 ta' Mejju 2025, ċioè wara li kien għamel l-ordni bl-ajruplan.

Illi min-naħa tiegħu, jirriżulta lill-Qorti li l-akkużat żamm mal-obbligu tiegħu li jsewwi l-windscreen u filfatt ħa l-passi neċessarji biex jagħmel dan. Il-fatt li l-windscreen kien se jieħu madwar xahrejn biex jasal f'Malta huwa lilhinn mill-kontroll tiegħu. Jirriżulta lill-Qorti li l-akkużat għamel dak li obbliga ruħu li jagħmel.

Illi fil-fehma tal-Qorti, minkejja li l-parte ċivile seta' kellu bżonn dan il-vann b'mod immedjat u forsi ma kellux sabar jistenna xahrejn biex iġib il-windscreen, id-deċiżjoni li ħa hu biex iġib il-windscreen b'mod immedjat (meta kien konsapevoli li l-akkużat kien diġà għamel l-ordni) għandu jerfagħha hu waħdu. Illi l-parte ċivile, minkejja li aċċenna li kellu bżonn tal-vann, ma ressaq ebda prova tad-danni li kien qed isofri bin-nuqqas ta' użu tiegħu.

Illi l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali jagħti diskrezzjoni ampja lill-Qorti ta' kompetenza Kriminali dwar x'ammonti tista' tordna lill-akkużat iħallas, liema ammonti jistgħu jinkludu kemm id-danni attwalment sofferti kif ukoll kumpens għall-effetti tar-reati il jkunu twettqu.

Illi l-Qorti tara li bħala fini ta' ġustizzja u *fairness*, l-akkużat m'għandux jagħmel tajjeb għad-deċiżjoni unilaterali tal-parte ċivile li jġib il-windscreen minn jeddu filwaqt li l-*parte ċivile* min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkumpensat għad-diżaġju li seta kkawżalu dan l-inċident. Għalhekk il-Qorti serja tgħaddi sabiex filwaqt li tornda lill-akkużat iħallas l-ispejjeż neċessarji għat-tibdil tal-windscreen skont kif hu stess ordna minn

Naomi Montebello, sejra tillikwida wkoll *animo boni viri* somma li tammonta għan-nofs tal-ispiża inkorsa mill-parte ċivile u bl-ispiża tal-windscreen imnaqqsa minnha, bħala kumpens għad-danni li qed jgħid li sofra l-parte civile, liema somma tammonta għal €363.[1]

Illi fir-rigward tal-fanal, ladarba s-surveyor imqabbad mill-parte ċivile stess ma setax jikkonferma illi l-ħsara ġiet ikkawżata lilu mill-akkużat, il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tordna lill-akkużat iħallas l-ammont indikat fil-*quotation* immarkata bħala dok "JMG2";

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li piena karċerarja m'hijiex waħda rakkomandata fiċ-ċirkostanzi tal-każ, partikularment għaliex l-akkużat ammetta mal-ewwel it-twettiq ta dan ir-reat u offra li jħallas id-danni minnu kkawżati mal-ewwel. Illi l-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu, jistipula li fejn persuna tkun reċidiva, hija ma tistax tingħata l-piena ta' priġunerija sospiża għal żmien.

Illi l-Att dwar il-Probation, Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, min-naħa l-oħra, jikkunsidra l-piena alternattiva ta' Ordni ta' Servizz fil-Komunità fejn l-akkużat ikollu jagħti dawk l-ammonti ta' siegħat ordnati mill-Qorti lura lill-komunità. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, 60 siegħa xogħol huma ġustifikati fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 251B(1)(2), 325(1)(a) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Roderick Bonnici <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess Roderick Bonnici taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal sittin siegħa (60) f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet mogħti kontestwalment.

[1] €1,325.97/2 = €663 - €300 = €363.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' €300 lil Naomi Montebello bil-għan li l-windscreen tal-vann tal-parte ċivile u dan rappreżentanti d-danni minnu kkaġunati, kif ukoll is-somma ta' €363 lil Joseph Manuel Galea rappreżentanti kumpens illikwidat b'mod *animo boni viri*.

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħati a favur ta' **Joseph Manuel Galea** għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**

**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**